MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 235/2013

Il-Pulizija

Spettur Maria Stella Attard

vs

Kevin Farrugia

Illum 10 ta' Lulju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-appellant Kevin Farrugia, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 543579M akkuzat talli:

Fl-24 ta' Marzu, 2012, ghall-habta tas-13:40hrs fi Vjal l-Inidipendenza, Zurrieq:

1. Saq vettura Nru BBS-882 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita ghat-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda).
2. Saq vettura Nru. BBS-882 minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-rikji tat-terzi persuni.
3. W'aktar saq l-imsemmija vettura Nru: BBS-882 bil-hgieg tinted/skurat meta kien tpogga xi kulur, film, sustanza jew materjal iehor minghajr il-permess ta' l-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta.

Il-Prosekuzjoni talbet li l-imsemmi jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien ta' mhux inqas minn tnax il-xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fl-14 ta' Mejju, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kap 104 u 110A(1)(4) LS 65.11, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' elfejn u hames mitt ewro (€2500) u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-zmien sena (1).

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Fliet l-atti processwali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Rat ir-rikors ta' appell ta' Kevin Farrugia pperezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Mejju, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, u piena kontra tieghu.

Rat l-aggravji tal-appellant Kevin Farrugia:

Illi mill-affidavits esebiti ma jirrizulta bl-ebda mod kif saret l-identifikazzjoni tal-imputat, izda minflok dan jittiehed bhala fatt kompjut illi l-persuna twaqqfet mill-pulizija kienet l-esponenti;

Illi minn imkien ma jirrizulta mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni u b'mod partikolari mill-affidavits esebiti kif il-pulizija waslet ghal-konkluzjoni illi l-persuna li giet mwaqqfa kien fil-fatt l-esponent, jekk xan tax il-particulars hu nnifsu jew jekk il-pulizija ivverifikawx il-konnotati u l-particulars tieghu minn xi dokument ufficjali jew jekk il-pulizija kienux jafuh qabel;

Illi in mankanza ta' din il-pova essenzjali, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment issib htija u illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni illi tipprova dan il-fatt.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tal-elfejn u tnax (2012) ghal habta tas-saghtejn neqsin ghoxrin ta' waranofsinhar (13:40 hrs) l-appellant Kevin Farrugia gie intercettat mill-pulizija waqt li kien qed isuq vettura tal-ghamla Opel bin-numru ta' registrazzjoni BBS 882. Il-pulizija l-ewwel riedu jkellmu lis-sewwieq minhabba t-tinted glass li kien hemm mal-vettura. Fost il-pulizija kien hemm PC 1149 Aaron Debono illi irrilaxxa affidavit a fol 2 tal-process. Waqt illi Kevin Farrugia kien qed jigi intervistat PC 463 C. Ellul, li ukoll irrilaxxa affidavit, induna illi l-licenzja tal-vettura kienet ghalqet fi Frar tal-elfejn u tnax (2012). Minn aktar investigazzjonijiet fuq is-sistema PIRS irrizulta ukoll illi l-assikurazzjoni tal-vettura kienet maghluqa. Kevin Farrugia, l-appellant qalilhom, li se jhallas kollox kemm jista' jkun malajr izda l-pulizija xorta hargu dawn l-akkuzi kontra tieghu u b'sentenza tal-erbatax (14) ta' Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundannatu ghall-multa ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) u skwalifikatu milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell fejn l-aggravju tieghu jikkonsisti mill-fatt illi mill-affidavits esebiti ma rrizulta bl-ebda mod l-identifikazzjoni

tal-appellant u imkien ma irrizulta mill-provi illi l-Prosekuzzjoni waslet ghall-konkluzjoni illi l-persuna li giet imwaqqfa kien fil-fatt l-appellant. Quddiem din il-Qorti gie allegat illi l-appellant ghandu huh li jixhbu hafna. Fil-fatt gew deskritti bhala fula maqsuma u ghalhekk zgur illi hemm nuqqas kbir fl-identifikazzjoni tal-appellant.

Ikkunsidrat:

Minn dan l-aggravju jidher illi l-unika lanjanza illi ghandu l-appellant hija dwar l-identifikazzjoni. Id-Difiza spjegat illi l-affidavit hija procedura eccezzjonali u suppost kollox isir viva voce. L-ufficcjali tal-pulizija ma xehedux viva voce u ghalhekk ma kienx hemm l-identifikazzjoni tal-appellant. Ma hemm l-ebda riferenza kif il-pulizija kellhom access ghall-ID tal-appellant peress illi dan setghu gabuhom minghand haddiehor.

Ikkunsidrat:

Xehed f'din il-kawza r-rapprezentant ta' Transport Malta fejn informa lill-Qorti li l-vettura BBS 882 hija tat-tip Opel Vectra tal-kulur ahmar registrata fuq Nazzareno Farrugia. Kienet ilha hekk registrata bejn l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Awwissu tal-elfejn u hdax (2011) u l-ghoxrin (20) ta' April tal-elfejn u tnax (2012) fejn giet trasferita fuq Kevin Farrugia. Il-licenzja kienet skadiet fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Frar tal-elfejn u tnax (2012) u rinovata fl-erbatax (14) ta' April tal-elfejn u tnax (2012). Ghalhekk meta Kevin Farrugia gie intercettat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tal-elfejn u tnax (2012) il-vettura kienet ghadha registrata fuq Nazzareno Farrugia.

Ikkunsidrat:

Veru illi l-affidavit hija procedura eccezzjonali introdotta mil-ligi sabiex thaffef il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati f'liema kaz il-pulizija huma ezenti milli jikkonfermaw l-

affidavit viva voce quddiem il-Qorti sakemm il-persuna imputata ma titlobx illi l-persuna li ghamlet l-affidavit tittella' l-Qorti ghal kontro ezami. F'dan il-kaz hadd mill-persuni li irrilaxxaw l-affidavit ma gew imsejha mid-Difiza quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabiex jigu soggetti ghal xi forma ta' kontro ezami. Ghalhekk l-affidavit taghhom jibqa' prova legali illi l-ewwel Qorti setghet ikkunsidrathom bhala prova fil-konfront tal-imputat.

Rigward l-identifikazzjoni l-pulizija irreferu ghal ID partikolari illi jirreferi ghall-imputat odjern. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju illi kien l-appellant dakinhar li gie intercettat mill-pulizija peress illi dan tahom l-ID card tieghu minkejja li l-karozza kienet ghadha registrata fuq isem haddiehor. Jekk l-appellant deherlu illi huwa gie mharrek erronjament il ghaliex seta' kien huh illi kien qieghed fil-karozza, allura f'dan il-kaz l-appellant kien imissu gab lil huh jew gab il-prova necessarja, dejjem fuq il-bazi ta' probabilità, illi ma kienx hu illi qed isuq il-vettura. Izda din il-prova l-appellant ma gabhiex u qaghad jistrieh biss fuq allegazzjoni jew jipprova jitfa' dubbju fuq l-agir tal-pulizija meta ittiehed in-numru tal-ID tal-appellant.

Din il-Qorti jidhrilha illi l-pulizija mxew korrettament f'dan il-kaz – talbu l-particulars tal-persuna illi kien qed isuq il-vettura dak il-hin liema particulars jirreferu direttament u nettament ghall-appellant u ghal hadd aktar. Il-fatt illi l-vettura kienet ghadha registrata fuq isem missier l-appellant, Nazzareno, ikompli jitfa' dik l-awtenticità tal-identifikazzjoni tal-pulizija ghax kieku kien Nazzareno qed isuq zgur illi kien jidher numru tal-ID differenti. Peress illi l-appellant mhuwiex qed jikkontesta l-mertu, l-fatt mhuwiex il-kaz illi din il-Qorti toqghod tidhol fil-konsiderazzjoni dwar il-fatti.

Ghalhekk issib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik il-konkluzjoni.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------